

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-mekkaniżmu ta' obbligu ta' xiri tal-elettriku prodott mill-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija tar-radjazzjoni solari bi prezz ogħla minn dak tas-suq u li l-finanzjament tiegħu huwa sostnut mill-konsumaturi finali tal-elettriku, kif dan il-mekkaniżmu jirriżulta mid-digriet ministerjali tal-10 ta' Lulju 2006 (JORF Nru^o171 tas-26 ta' Lulju 2006, p. 11133) u tat-12 ta' Jannar 2010 (JORF Nru^o0011 tal-14 ta' Jannar 2010, p. 727) li jstabbilixxu l-kundizzjonijiet għax-xiri ta' dan l-elettriku, moqrija flimkien mal-Liġi Nru^o2000-108 tal-10 ta' Frar 2000 dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku, id-Digriet Nru^o2000-1196 tas-6 ta' Diċembru 2000 u d-Digriet Nru^o2001-410, tal-10 ta' Mejju 2001, jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat?
- 2) U, fl-affermattiv, l-Artikolu 108(3) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni Ewropea b'dan il-mekkaniżmu jaffettwa l-validità tad-digriet msemmija hawn fuq li jimplementaw il-miżura ta' għajjnuna kontenzjuża?

Digriet tal-President tad-Disa'Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tat- Tribunalul Sibiu – ir-Rumanija) – Nicolae Ilie Nicula vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu, li kienet Administrația Finanțelor Publice a Municipiului Sibiu, Administrația Fondului pentru Mediu, fil-preżenza ta': Cristina Lenuța Stoica

(Kawża C-609/14) ⁽¹⁾

(2016/C 475/20)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Il-President tad-Disa'Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 30.3.2015.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Oradea – ir-Rumanija) – SC Vicdantrans SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj Napoca prin Administrația Județeană a Finanțelor Publice Bihor, Administrația Fondului pentru Mediu

(Kawża C-73/15) ⁽¹⁾

(2016/C 475/21)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 155, 11.5.2015.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Constanța – ir-Rumanija) – Maria Bosneaga vs Instituția Prefectului – județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor

(Kawża C-235/15) ⁽¹⁾

(2016/C 475/22)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 270, 17.8.2015.